# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**Id-Disa’ Leġiżlatura**

**Laqgħa Numru 1**

4 ta’ Lulju 2024

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fis-2.00 ta’ waranofsinhar.

Preżenti :-

| | |
|---|---|
| Il-Kunsillier James A Ellul | (JAE) |
| Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili | (SSH) |
| Il-Kunsillier Nigel Holland | (NH) |
| Il-Kunsillier Justin Haber | (JH) |
| Il-Kunsilliera Justine Palmier | (JP) |

Skużat:-

0

Membri tal-Pubbliku 0

Uffiċjal preżenti :-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

**Bidu tal-laqgħa:**

Il-laqgħa nfetħet permezz ta’ talba żgħira mil-Kunsilliera Sandra Sammut Hili li ġiet mitluba tippresedi l-laqgħa skont il-provvediment tal-Kapitlu 363, Artiklu 25 (IV).

## 1.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

1.1.1. Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

1.1.2. Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili fetħet il-laqgħa billi ferħet lill-kunsilliera eletti għall-ħatra tagħhom. Hija kompliet billi spjegat li skont l-Att 363 – l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, Taqsima III Artiklu 25 (IV), l-ewwel laqgħa għandha tissejjaħ mill-aktar kunsillier anzjan u kien għalhekk li kienet qed tippresiedi din l-ewwel laqgħa hi.

## 1.2 ELEZZJONI TA' SINDKU

1.2.1. Iċ-Chairperson is-Sa Sandra Sammut Hili stiednet lill-kunsilliera sabiex jitfgħu n-nominazzjonijiet tagħhom.

1.2.2. Is-SE spjega li din il-proċedura qed issir minħabba li ħadd mil-partiti politiċi ma ġab il-maġġoranza tas-siġġijiet.

1.2.3. Il-Kunsillier JH innomina lill-Kunsilliera SSH.

1.2.3.1. Il-kunsillieri għaddew biex jagħtu l-vot tagħhom lill-Sandra Sammut Hili, bir-riżultat kien:

Tnejn "Iva" (JH, SSH)
Tlieta "Le" (JAE, NH, JP)

1.2.4. Is-SE spjega li jrid ikun hemm sitt votazzjonijiet u f'każ li ma jkunx hemm qbil il-laqgħa tiġi aġġornata għall-ġimgħa ta' wara, fl-istess ħin.

1.2.5. Għalhekk iċ-Chairperson Sandra Sammut Hili talbet li jkun hemm it-tieni votazzjoni.

1.2.5.1. Il-kunsillieri reġgħu għaddew biex jagħtu t-tieni vot tagħhom lil Sandra Sammut Hili għall-kariga ta' Sindku, bir-riżultat kien:

Tnejn "Iva" (JH, SSH)
Tlieta "Le" (JAE, NH, JP)

1.2.6. Iċ-Chairperson Sandra Sammut Hili sejħet it-tielet votazzjoni.

1.2.6.1. Il-kunsillieri reġgħu għaddew biex jagħtu l-vot tagħhom lil Sandra Sammut Hili għall-kariga ta' Sindku, bir-riżultat kien:

Tnejn "Iva" (JH, SSH)
Tlieta "Le" (JAE, NH, JP)

1.2.7. Iċ-Chairperson Sandra Sammut Hili sejħet ir-raba' votazzjoni.

1.2.7.1. Il-kunsillieri reġgħu għaddew biex jagħtu l-vot tagħhom lil Sandra Sammut Hili għall-kariga ta' Sindku, bir-riżultat kien:

Tnejn "Iva" (JH, SSH)
Tlieta "Le" (JAE, NH, JP)

1.2.8. Iċ-Chairperson Sandra Sammut Hili sejħet il-ħames votazzjoni.

1.2.8.1. Il-kunsillieri reġgħu għaddew biex jagħtu l-vot tagħhom lil Sandra Sammut Hili għall-kariga ta' Sindku, bir-riżultat kien:

Tnejn "Iva" (JH, SSH)
Tlieta "Le" (JAE, NH, JP)

1.2.9. Iċ-Chairperson Sandra Sammut Hili sejħet is-sitt votazzjoni.

1.2.9.1. Il-kunsillieri reġgħu għaddew biex jagħtu l-vot tagħhom lil Sandra Sammut Hili għall-kariga ta' Sindku, bir-riżultat kien:

Tnejn "Iva" (JH, SSH)
Tlieta "Le" (JAE, NH, JP)

1.2.10. Minħabba li ma kienx hemm maġġoranza sempliċi fl-ebda mil-votazzjonijiet, il-Kunsill qabel li skont il-liġi, il-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar il-Ħamis 11 ta' Lulju 2024 fis-2pm.

Il-laqgħa tkompliet nhar il-Ħamis 11 ta' Lulju fis-2pm.

## 1.2 ELEZZJONI TA' SINDKU

1.2.11. Iċ-Chairperson is-Sa Sandra Sammut Hili stiednet lill-kunsilliera sabiex jitfgħu n-nominazzjonijiet tagħhom.

1.2.12. Il-Kunsillier JAE qal li wara li l-partit li ġab il-maġġoranza relattiva, ma sabx soluzzjoni biex isib maġġoranza fil-Kunsill, huwa kien ser jinnomina lill-Kunsillier Nigel Holland.

1.2.13. Il-Kunsillier JH innomina lill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili.

1.2.14. Peress li kien hemm żewġ nominazzjonijiet, il-kunsillieri għaddew biex jagħtu l-vot tagħhom b'ordni alfabetika bil-kunjom, lill-Nigel Holland, bir-riżultat kien:

Tlieta "Iva" (NH, JAE, JP)
Tnejn "Le" (SSH, JH)

Peress li kien hemm maġġoranza sempliċi, il-Kunsillier NH ġie mitlub jieħu postu fis-siġġu tas-Sindku.

## 1.3 Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku

1.3.1. Is-SE talab lis-Sur Nigel Holland jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku tad-disa' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Floriana.

1.3.2. Is-Sur Nigel Holland aċċetta l-kariga ta' Sindku u għalhekk ġie maħtur is-Sindku tal-lokalità tal-Floriana.

1.3.3. Is-Sindku NH ħa l-ġurament quddiem il-Kunsill u l-Kummissarju tal-Ġustizzja.

## 1.4 Elezzjoni ta' Viċi-Sindku

1.4.1. Is-Sindku NH stieden lill-kunsilliera sabiex jitfgħu n-nominazzjonijiet tagħhom għall-kariga ta' Viċi Sindku.

1.4.2. Is-Sindku NH innomina lill-James Aaron Ellul.

1.4.3. Il-Kunsillier JH innomina lill-Sandra Sammut Hili.

1.4.4. Peress li kien hemm żewġ nominazzjonijiet, il-kunsillieri għaddew biex jagħtu l-vot tagħhom b'ordni alfabetika bil-kunjom, lill-James Aaron Ellul, bir-riżultat kien:

Erbgħa "Iva" (NH, JAE, JH, JP)
Wieħed "Le" (SSH)

## 1.5 Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Viċi-Sindku

1.5.1. Is-Sindku NH talab lis-Sinjur James Aaron Ellul jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku tad-disa' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Floriana.

1.5.2. Is-Sinjur James Aaron Ellul aċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku u għalhekk ġie maħtur il-Viċi Sindku tal-lokalità tal-Floriana.

1.5.3. Il-Viċi Sindku JAE ħa l-ġurament quddiem il-Kunsill u l-Kummissarju tal-Ġustizzja.

## 1.6 ASSENJAZZJONI TAR-RESPONSABBILTAJIET

1.6.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li kull meta kien sindku, qatt ma assenja karigi hu iżda dejjem ħalla f'idejn il-kunsilliera sabiex jagħżlu huma dawk ir-responsabbiltajiet li jinteressawhom. Għalhekk stieden lill-kunsilliera sabiex iressqu l-proposti tagħhom.

1.6.2. Il-Viċi Sindku JAE talab li jkollu dawn id-dekasteri:

Edukazzjoni
Sports u attivitajiet fizici
e-councillor
Ambjent u ħarsien ta' ġonna pubbliċi
Proġetti u innovazzjoni.

1.6.3. Il-Kunsilliera JP talbet dawn id-dekasteri:

Ħarsien tal-annimali
Tfal u Żgħażagħ
Integrazzjoni Soċjali

1.6.4. Il-Kunsilliera SSH talbet id-dekasteru tal-Anzjani.

1.6.5. Il-Kunsillier JH talab dawn id-dekasteri:

Attivitajiet pubbliċi
Relazzjonijiet lokali u internazzjonali
Manutenzjoni infrastrutturali tal-lokalità

1.6.6. Min-naħa tiegħu, is-Sindku NH qal li ser jieħu f'idejh id-dekasteru tal-indafa pubblika.

## 1.7 AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

1.7.1. Il-laqgħa intemmet fis-2.30pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Tlieta 23 ta' Lulju 2024 fis-2.00pm.

**Konfermati, illum it-Tlieta 23 ta' Lulju 2024**

(iffirmat)
Nigel Holland
Sindku

(iffirmat)
Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv